Parlament Ewropew
2014-2019

Kumitat għall-Affarijiet Barranin

2018/2115(INI)

7.11.2018

ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew lill-Kunsill u lill-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà dwar l-analiżi tas-segwitu mogħti mis-SEAE sentejn wara r-Rapport tal-PE dwar komunikazzjoni strateġika tal-UE biex tikkontrobatti l-propaganda kontriha minn partijiet terzi
(2018/2115(INI))

Kumitat għall-Affarijiet Barranin

Rapporteur: Anna Elżbieta Fotyga

WERREJ

Paġna

ABBOZZ TA' RAKKOMANDAZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW 3

ABBOZZ TA' RAKKOMANDAZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

lill-Kunsill u lill-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà dwar l-analiżi tas-segwitu mogħti mis-SEAE sentejn wara r-Rapport tal-PE dwar komunikazzjoni strateġika tal-UE biex tikkontrobatti l-propaganda kontriha minn partijiet terzi
(2018/2115(INI))

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tat-28 ta' Ġunju u tat-18 ta' Ottubru 2018,

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-26 ta' April 2018 bit-titlu "L-indirizzar tad-diżinformazzjoni online: Approċċ Ewropew" (COM(2018)0236),

– wara li kkunsidra l-Kodiċi ta' Prattika dwar id-Diżinformazzjoni madwar l-UE, ippubblikat fis-26 ta' Settembru 2018,

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-23 ta' Novembru 2016 dwar komunikazzjoni strateġika tal-UE biex tikkontrobatti l-propaganda kontriha minn partijiet terzi[1],

– wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni Konġunta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u mill-Kummissjoni tas-6 ta' April 2016 bit-titlu "Qafas Konġunt biex jiġi miġġieled it-theddid ibridu: reazzjoni tal-Unjoni Ewropea" (JOIN(2016)0018),

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-20 ta' April 2016 dwar l-Azzjoni fuq l-Aġenda Ewropea dwar is-Sigurtà biex jiġi miġġieled it-terroriżmu u titwitta t-triq lejn Unjoni ta' Sigurtà effettiva u ġenwina (COM(2016)0230),

– wara li kkunsidra l-istudju ta' fattibbiltà tal-Fond Ewropew għad-Demokrazija dwar Inizjattivi tal-Midja bil-Lingwa Russa fis-Sħubija tal-Lvant u lil hinn, bit-titlu "Bringing Plurality and Balance to the Russian Language Media Space" (it-twassil tal-pluralità u tal-bilanċ fl-ispazju tal-midja bil-lingwa Russa),

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (VP/RGħ) tat-18 ta' Mejju 2015 bit-titlu "L-Unjoni Ewropea f'ambjent globali jinbidel – dinja aktar konnessa, kontestata u kumplessa", u l-ħidma li għaddejja dwar l-Istrateġija ta' Sigurtà Globali l-ġdida tal-UE,

– wara li kkunsidra l-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar il-Komunikazzjoni Strateġika tat-22 ta' Ġunju 2015,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 113 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin (A8-0000/2018),

[1] ĠU C 224, 27.6.2018, p. 58.

1. Jirrakkomanda dan li ġej lill-Kunsill u lill-Viċi President tal-Kummissjoni / Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà:

Is-sitwazzjoni attwali 2018 – Nittrattaw il-gwerra tal-informazzjoni

a) li jżommu f'moħħhom li l-libertà tal-kelma u tal-espressjoni kif ukoll il-pluraliżmu tal-midja għandhom ikunu fil-qalba tas-soċjetajiet demokratiċi, u jipprovdu l-aqwa salvagwardji kontra l-propaganda ostili;

b) li jikkunsidraw l-iżvilupp ta' qafas legali vinkolanti kemm fil-livell tal-UE kif ukoll fil-livell internazzjonali biex tiġi indirizzata l-gwerra ibrida, inkluża l-gwerra ċibernetika u tal-informazzjoni, li l-ħtieġa għalihom intweriet b'mod partikolari mill-azzjonijiet ostili tar-Russja f'dawn l-oqsma;

c) li jappoġġjaw l-għadd dejjem jikber ta' istituzzjonijiet tal-Istat, gruppi ta' riflessjoni, NGOs li jittrattaw il-propaganda u d-diżinformazzjoni, u jiżguraw li l-komunikazzjoni strateġika tal-UE ssir kwistjoni ta' prijorità għolja fuq l-aġenda Ewropea; jistieden lill-VP/RGħ u lill-Kummissjoni jinvolvu ruħhom aktar mill-qrib f'dan il-qasam;

d) li jfakkru lill-Istati Membri li jkomplu jiċħdu l-eżistenza ta' propaganda strateġika biex jirrikonoxxuha u jieħdu miżuri proattivi sabiex jiġġieldu kontriha u jikxfuha;

Tipi ta' informazzjoni ħażina, diżinformazzjoni u propaganda mmirata lejn l-UE u l-ġirien tagħha

e) li jirrikonoxxu l-ħidma li saret f'livelli varji biex jiġu identifikati t-tipi ta' influwenza u għodod użati kontra l-UE u l-ġirien tagħha, u biex jibdlu l-attenzjoni għal analiżi fil-fond tal-impatt u l-effettività tagħhom sabiex jiġu żviluppati miżuri li jiġġieldu kontrihom;

f) li jiffokaw fuq is-sofistikazzjoni li kontinwament qed tikber tal-għodod użati biex ixerrdu l-aħbarijiet foloz, inklużi l-modi l-ġodda ta' tixrid tal-propaganda permezz tal-użu ta' siti web, portali u stazzjonijiet tat-televiżjoni ta' livell baxx biex ixerrdu n-narrattivi ewlenin; jinsab imħasseb dwar l-attivitajiet tar-Russja f'dan il-kuntest;

L-industrija u l-midja soċjali

g) li jagħtu attenzjoni speċjali lill-midja soċjali li, minkejja l-isforzi tagħhom għall-kuntrarju, huma meqjusa bħala l-aktar għodda komuni għat-tixrid ta'

diżinformazzjoni u propaganda ostili;

h) li jirregolaw, flimkien mal-Istati Membri, l-azzjonijiet tal-kumpaniji tal-midja soċjali u jiżguraw it-trasparenza u r-responsabbiltà sħiħa tagħhom, b'mod partikolari li jagħmluha possibbli li tiġi żvelata l-identità u l-post mhux biss tal-awturi, iżda saħansitra tal-isponsors tal-kontenut politiku ppreżentat;

i) li jħeġġu lill-kumpaniji tal-midja soċjali jikkooperaw mill-qrib mal-awtoritajiet tal-Istat fl-investigazzjonijiet kollha dwar l-użu allegat tal-pjattaformi tagħhom għal skopijiet ostili, u li jwettqu awditi trasparenti ta' entitajiet li nstabu li jxerrdu d-diżinformazzjoni u l-propaganda;

j) li jżommu f'moħħhom li l-projbizzjoni ta' kontijiet suspettużi jew it-tħassir ta' kontenut mhux xieraq tista' titqies bħala ċensura, u għalhekk jiżguraw li tali azzjonijiet jitwettqu b'mod trasparenti, f'kooperazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti u s-soċjetà ċivili, u b'għarfien sħiħ dwar ir-raġunijiet għal dan;

L-aħjar prattiki

k) li jkomplu jiżviluppaw reżiljenza akbar u l-kapaċità li jirrispondu għat-theddid f'ħin reali, jiżviluppaw miżuri preventivi u jaħsbu pass 'l quddiem, aktar milli sempliċiment jirreaġixxu u janalizzaw l-attakki li diġà seħħew;

l) li jagħtu attenzjoni speċjali lill-importanza li dawn l-attakki mhux biss jinkixfu, iżda jiżguraw ukoll l-attribuzzjoni ċara tagħhom, inkluż billi jissemmew pubblikament l-awturi, l-isponsors tagħhom u l-għanijiet li huma jfittxu li jiksbu, filwaqt li jitkejlu l-effetti ta' dawn l-attakki fuq l-udjenza fil-mira;

m) li jinvolvu lis-soċjetà ċivili u lill-komunità esperta f'aktar tisħiħ ta' miżuri mmirati lejn il-verifika tal-fatti u l-esponiment tad-diżinformazzjoni, l-approfondiment tar-riċerka u l-analiżi tal-manipulazzjoni tal-informazzjoni;

Approċċ Ewropew

n) li jirrikonoxxu r-riżultati tanġibbli miksuba mit-Task Force East StratCom; li jkomplu jappoġġjaw it-Task Force East StratCom tal-UE li, minn mindu nħolqot, kixfet aktar minn 4 000 każ ta' kampanji ta' diżinformazzjoni dwar firxa wiesgħa ta' suġġetti;

o) li jbiddlu t-Task Force East StratCom f'unità kompluta, u li jipprovdu riżorsi finanzjarji u tal-persunal adegwati li jżidu b'mod sinifikanti l-potenzjal, l-effikaċja u l-kwalità tax-xogħol tagħha;

p) li jindirizzaw in-nuqqasijiet kurrenti fit-Task Force East StratCom, inkluż in-nuqqas ta' għarfien espert reġjonali, ċaqliq kbir tal-persunal u nuqqas ta' kontinwità istituzzjonali, u jiżguraw riżorsi finanzjarji adegwati u struttura organizzattiva adegwata, peress li dan huwa l-uniku mod biex jiġu żgurati l-professjonaliżmu sħiħ, l-effikaċja u r-riżultati;

q) li jistiednu lill-Istati Membri li għadhom m'għamlux dan biex jassenjaw l-

Esperti Nazzjonali tagħhom stess lit-Task Force East StratCom;

r) li jinvolvu lir-Rappreżentanzi tal-UE ġewwa l-UE, u lid-Delegazzjonijiet tal-UE barra mill-UE, fl-appoġġ għall-ħidma tat-Task Force East StratCom, inkluż billi jipprovdu traduzzjonijiet tal-pubblikazzjonijiet tagħhom bil-lingwi lokali;

s) li jiffokaw fuq il-pajjiżi tal-adeżjoni u s-sħab fil-viċinat tal-UE, li ta' spiss jinsabu fuq quddiem nett f'termini ta' esponiment għall-propaganda Russa;

t) li jqiegħdu l-ġlieda kontra l-komunikazzjonijiet strateġiċi bħala punt rikorrenti fuq l-aġenda, u li jwettqu rieżami perjodiku tal-politika tal-UE dwar din il-kwistjoni;

u) li jipproponu lill-Kunsill Ewropew li jmiss u lill-Kummissjoni li l-ġlieda kontra l-propaganda strateġika tingħata portafoll separat fil-Kummissjoni l-ġdida b'appoġġ adegwat minn aġenzija speċjalizzata;

v) li jingħaqdu maċ-ċentri speċjalizzati nazzjonali u lokali eżistenti, il-gruppi ta' riflessjoni, l-NGOs u atturi u istituzzjonijiet oħra li jittrattaw il-propaganda strateġika f'netwerk mifrux mal-UE kollha li jgħin jikkoordina l-azzjonijiet tagħhom u jiġbor is-sejbiet tagħhom f'post wieħed; li jassenjaw riżorsi adegwati għal dan l-impenn; jenfasizza li dan in-netwerk għandu jkun miftuħ għal sħab tal-istess fehma tal-UE;

Salvagwardja tal-elezzjonijiet minn propaganda ostili

w) li jikkundannaw bil-qawwa l-interferenza ta' partijiet terzi f'elezzjonijiet u referenda, u l-użu ta' bots, trolls u kontijiet foloz f'kampanji politiċi; jissottolinja l-kapaċità tas-soċjetajiet demokratiċi biex jagħmlu l-għażliet politiċi sovrani tagħhom;

x) li jistiednu lill-Istati Membri jaqsmu d-data dwar kwalunkwe interferenza barranija fil-proċessi elettorali u jiskambjaw l-aħjar prattiki dwar il-ġlieda kontriha sabiex iżidu r-reżiljenza għal tali interferenza;

y) li jistiednu lill-Istati Membri jiżguraw li l-liġijiet elettorali jqisu t-theddid possibbli li jirriżulta miċ-ċiberattakki u l-propaganda ostili, u jenfasizza li dawn il-liġijiet għandhom jiġu emendati b'mod adegwat biex ikunu jistgħu jiġġieldu b'mod effikaċi theddid bħal dan;

z) li jistiednu lill-Istati Membri jadattaw ir-regoli elettorali tagħhom dwar il-kampanji online, u jimmonitorjaw u jevalwaw il-karatteristiċi ta' trasparenza fir-rigward tar-reklamar politiku introdott mill-pjattaformi online;

°

° °

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-rakkomandazzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, kif ukoll, għal skopijiet ta' informazzjoni, lis-SEAE u lin-NATO, u lill-President, lill-Gvern u lill-Parlament tar-Russja.